# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu,2002**

**Numru 1**

**Avviz. numru 552/99mm**

**Mario u Jennifer konjugi Ebejer**

**vs**

**Bad Boy General Cleaners Ltd u b'digriet tat-8 t'Awissu 2001 il-kliem "Bad Boy General Cleaners Ltd" gew mibdula f'"Bad Boy Cleaning Services Limited"**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fis-16 ta' April 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' disa mija u tmenin lira (Lm980.00) jew somma ohra verjuri bhala danni, li din il-Qorti joghgobha tiffissa, anke bl-opera ta' periti nominandi, u prevja jekk mehtiega, d-dikjarazzjoni li s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli

ghall-tali danni, u dan minhabba hsarat minnhom ikkawzati fil-fond numru 68, St Albert Street, Gzira, meta s-socjeta' konvenuta kienet giet inkarigata mill-atturi taghmel diversi xogholijiet fl-imsemmi fond, liema xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Jannar, 1999 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat li d-danni reklamati ma jeccedux l-elf lira (Lm1,000).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma kkawza ebda danni lill-attur u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gjudizzju.

2. Illi diversi kuntratturi u haddiema hadmu fl-istess waqt ix-xogholijiet inkorsi.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu, 2000 fejn innominat lit-Tekniku Vincent Ciliberti sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-atturi, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi din ir-relazzjoni giet epprezentata fit-3 ta' Ottubru,2001 u mahlufa fil-15 ta' Ottubru,2001.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' skrittura li ggib id-data 14 ta' Ottubru 1998 sar ftehim bejn il-partijiet ghal xogholijiet illi kellhom jigu mwettqa fil-fond ta' l-atturi 68, St Albert Street, Gzira. Dawn ix-xogholijiet kellhom jikkonsistu fit-tnehhija ta' madum ezistenti, tqeghid ta' madum gdid, tibjid, tkahhil u tindif generali tal-fond. Dan ix-xoghol kollu kellu jkun attwat ghas-somma ta' sitt mija u sebgha u sittin lira (Lm667.00). Dan ix-xoghol gie esegwit, pero' l-attur ilmenta illi ma sarx skond l-arti u s-sengha u di piu' pprezenta certifikat tal-perit Kevin Abela (fol 8) datat 12 ta' Mejju 1999, fejn ix-xogholijiet huma ahjar deskritti u l-istess Perit ikkonkluda illi l-atturi sofrew danni fl-ammont ta' disa mija u tmenin lira (Lm980.00), liema cifra l-atturi qieghdin jirreklamaw f'dan l-avviz.

Il-Qorti ezaminat ir-relazzjoni tat-Tekniku minnha nominat minn fejn jirrizulta illi dana jaqbel perfettament mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Abela mqabbad mill-atturi. It-Tekniku Vincent Ciliberti jikkummenta illi: *"certament, ix-xoghol sar b'nuqqas kbir ta' attenzjoni ghar-rigward ta' kif titlob is-sengha u l-arti. Il-hitan*

*mhux talli mhux invjati, imma talli jirrizulta bl-aktar mod konvincenti li l-aktar li setgha sar kien li ntlew il-fili. Ghal kumplament ta' xoghol ta' kisi u tibjid lanqas li jista jinghad huwa kif ampjament deskritt ferm tajjeb fir-rapport tal-perit Kevin Abela ossia li 'the situation that exists is a far cry from this specification. The result is an obvious low quality standard of finish.'"*

Stante n-natura teknika ta' din ir-relazzjoni u peress illi ma ngabux provi ohra sabiex igaghlu lil din il-Qorti tbiddel fehma dwar dak li gie rakkomandat fir-relazzjoni tat-tekniku, l-Qorti ma thoss illi tista tbiddel dawn ir-ragunamenti u konkluzzjonijiet illi wasal ghalihom l-gharef Perit Tekniku.

Ghalhekk il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz;

Taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallashom is-somma ta' disa mija u tmenin lira (Lm980.00) danni illi l-istess socjeta' kkagunat lill-atturi waqt xogholijiet illi saru fil-fond 68, St Albert Street, Gzira, meta s-socjeta' konvenuta kienet inkarigata mill-atturi sabiex taghmel diversi xogholijiet fl-istess fond, liema xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg